# ŻJARA TAL-PAPA FRANĠISKU

## FIL-GROTTA TA’ SAN PAWL




3 ta’ April, 2022

RABAT MALTA

# Talba tal-Papa Franġisku fil-Grotta ta' San Pawl

O Alla ta' ħniena bla tarf
fil-providenza tiegħek tal-għaġeb,
inti ridt li l-Appostlu Missierna San Pawl
iwassal l-imħabba tiegħek lin-nies ta' Malta
li qatt ma semgħu bik.
Huwa ħabbrilhom il-Kelma tiegħek
u fejjaqhom mill-mard tagħhom.

Meħlusa mill-għarqa,
San Pawl u sħabu
sabu nies pagani ta' qalb tajba
li għenuhom jilħqu l-art,
li ġabu ruħhom magħhom bi ħlewwa liema bħala,
għax rawhom fil-bżonn tal-kenn,
tas-sigurtà u tal-għajnuna.
Ħadd minnhom ma kien jaf isimhom,
minn fejn ġejjin, x'kienet il-kundizzjoni tagħhom;
ħaġa waħda biss kienu jafu: kienu fil-bżonn.

Ma kienx hemm ħin għall-argumenti,
għall-ġudizzji, għall-għarbiel fin tar-raġuni,
għall-użin tal-qliegħ;
kien il-waqt li jgħinu;
ħallew kollox minn idejhom
u hekk għamlu.

Qabbdulhom ħuġġieġa,
Biex jinxfu u jisħnu mill-bard.
Laqgħuhom b'idejn miftuħa
u, ma' Publju,
l-ewwel wieħed fis-setgħa u fil-ħniena,
tawhom dar fejn joqogħdu.

Missier twajjeb
agħtina l-grazzja ta' qalb tajba
li tħabbat bl-imħabba għal ħutna;
Għinna nagħrfu mill-bogħod
il-ħtiġijiet ta' min jinsab jitqalleb fil-mewġ,
ta' min jitfarrak mal-blat ta' xatt mhux magħruf.

Ħeġġilna qalbna biex il-kompassjoni tagħna
ma tkunx kliem fil-vojt
iżda kompassjoni li tqabbad il-ħuġġieġa;
ħuġġeġa li tnessi il-maltemp li għadda,
ħuġġieġa li ssaħħan il-qlub u tgħaqqadhom flimkien
bħal fuklar tad-dar mibnija fuq il-blat,
tal-familja waħda ta' uliedek,
aħwa lkoll.

Inti tħobbhom ilkoll bla ebda distinzjoni
u trid li jkunu magħqudin ħaġa waħda
ma' Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
bil-qawwa tan-nar mibgħut mis-sema,
l-Ispirtu Qaddis tiegħek,
li jaħraq kull mibgħeda
u fid-dlam tal-lejl idawwal il-mixja tagħna
lejn is-saltna tiegħek ta' mħabba u sliem.
Bi Kristu Sidna.
Ammen.

IL-PAPA FRANĠISKU

F'MALTA

"Ġabu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha" Atti 28,2

2-3 ta' April 2022